MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1149/2013

**Illum l-24 ta' Gunju, 2014.**

**Rikors Numru 1149/2013 SM**

**Carmenu Debono**

**vs**

**Anton Grech**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-29 ta’ Novembru, 2013, li permezz tieghu, sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi hu sid ta’ garaxx jismu *Paul Garage*, Triq San Gwann tas-Salib, Ta’ Xbiex;

1.2 Illi l-intimat hu sid ta’ garaxx kontigwu jismu “Anton”, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta’ Xbiex;

1.3 Illi bejn iz-zewg garaxxijiet hemm bitha jew *“shaft”* propjeta` tar-rikorrenti ukoll;

1.4 Illi pero` din il-bitha jew *“shaft”* qed igawdieh l-intimat illegalment u abbuzivament;

1.5 Illi nonostante li interpellat, l-intimat baqa` inadempjenti u kellha ssir din il-procedura;

1.6 Illi konsegwentament talab din il-qorti biex:

1.6.1. Tiddikjara li l-bitha jew *“shaft” de quo* hi propjeta` tar-rikorrenti;

1.6.2. Tordna lill-intimat biex fi zmien qasir u perentorju, taht is-sorveljanza ta’ perit arkitett, jaghmel ix-xoghol mehtieg biex inehhi l-access li jaghti ghall-bitha imsemmija minn naha tal-garaxx propjeta` tieghu;

1.6.3. Tawtorizza lir-rikorrenti biex f'kaz li ix-xogholijiet ma jsirux, ir-rikorrenti jkun awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet *de quo* a spejjez tal-intimat;

1.6.4. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

2. Tirrileva li l-intimat gie debitament notifikat bl-affissjoni u pubblikazzjoni, (ara foll 27 u 31), u stante t-trapass inutili taz-zmien ghar-risposta, qieghed fi stat ta' kontumacja, (ara foll 34),

3. Tirrileva wkoll li l-procedura ghalhekk, wara x-xhud mismugh, kienet differita ghas-sentenza bil-fakulta` tal-intimat biex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fit-terminu indikat fid-digriet datat is-6 ta' Mejju, 2014, (ara foll 34),

4. Ezaminat id-dokument esebiti;

5. Rat ix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi minn ezami tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi r-rikorrenti hu l-propjetarju tal-garaxx bl-isem *Paul Garage*, Triq San Gwann tas-Salib, Ta' Xbiex;

6.2. Illi fl-imsemmi garaxx hemm bieb li jaghti ghal bitha li r-rikorrenti ghalqu b'sitt filati *bricks*, (ara foll 35);

6.3. Illi l-intimat ghandu garaxx adjacenti ghal dak tar-rikorrenti li fih fetah bieb u tieqa ghall-gol bitha propjeta` tar-rikorrenti, u *di piu`*, ksiha bil-madum u saqqafha;

6.4. Illi s-*suespost* hu wkoll assodat bil-pjanti ipprezentati in atti;

Ikkunsidrat:

7. Illi in vista tal-kontumacja tal-intimat u tal-fatt li l-istess intimat naqas jipprezenta sottomissjonijiet fir-rigward fit-terminu lilhu koncess, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji l-versjoni tar-rikorrenti bhala verostwiti u allura, tissodisfa l-precett rikjest mill-ligi biex tigi meqjusa affidabbli fid-dettanu rikjest;

8. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi;

DECIDE:

9.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti:

9.1. Tiddijara li l-bitha in dizamina fuq riferita hi propjeta` tar-rikorrenti Carmenu Debono;

9.2. Tordna lill-intimat Anton Grech biex fi zmien xaghrejn (2) mill-lum jaghmel ix-xoghol mehtieg biex inehhi l-access li jaghti ghall-bitha imsemmija minn naha tal-garaxx propjeta` tieghu;

9.3. Tordna li dan ix-xoghol ghandu jsir taht is-sorveljanza tal-perit arkitett il-perit Marielouise Musumeci appuntata espressament f'dan l-inkarigu ghal dan il-ghan, u dan a spejjes tal-intimat;

9.4. Illi fin-nuqqas tas-suespost, tawtorizza lir-rikorrenti fuq gia` indikat biex jeffetwa x-xogholijiet necessarji taht is-sorveljanza tal-istess perit arkitett fuq riferita, u dan, a spejjez ukoll tal-intimat fuq gia` ukoll riferit;

9.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat Anton Grech.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------